

Kawża C-199/08

Erhard Eschig

vs

UNIQA Sachversicherung AG

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Oberster Gerichtshof)

“Assigurazzjoni għall-ispejjeż legali — Direttiva 87/344/KEE — Artikolu 4(1) — Għażla libera ta’ avukat mill-persuna assicurata — Limitazzjoni kuntrattwali — Diversi persuni assicurati li sofrew danni mill-istess avveniment — Għażla ta’ rappreżentant legali mill-assicuratur”

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali V. Trstenjak, ippreżentati fl-
14 ta’ Mejju 2009. I - 8297
Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta’ Settembru 2009. . . . I - 8319

Sommarju tas-sentenza

1. *Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Assigurazzjoni għall-ispejjeż legali — Direttiva 87/344*
(*Direttiva tal-Kunsill 87/344, Artikoli 3(2), 4(1)(a) u 5*)
2. *Moviment liberu tal-persuni — Libertà ta’ stabbiliment — Assigurazzjoni għall-ispejjeż legali — Direttiva 87/344*
(*Direttiva tal-Kunsill 87/344, Artikolu 4(1)(a)*)

1. Mill-kliem tal-Artikoli 3 sa 5 tad-Direttiva 87/344, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali, kif ukoll mill-kuntest ta' din l-istess direttiva, jirriżulta li d-dritt ta' għażla libera tar-rappreżentant huwa rrikonoxxut lil kull persuna assicurata b'mod ġenerali u awtonomu, fil-limiti stabbiliti minn kull wieħed minn dawn l-artikoli.

Għalhekk, l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 87/344 jirrikonoxxi lill-persuna assicurata d-dritt li tagħżel ir-rappreżentant tagħha iżda, bl-eċċezzjoni ta' sitwazzjonijiet li fihom ikun hemm konflitt ta' interessi, huwa jillimita dan id-dritt għall-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi. L-użu tal-aġġettiv "kull" kif ukoll tat-temp tal-verb "irrikonoxxa" juri l-portata ġenerali u n-natura vinkolanti ta' din ir-regola. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-livell minimu tal-libertà li għandu jingħata lill-persuna assicurata jkunu xi jkunu l-għażliet previsti fl-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva li

l-impriża tal-assigurazzjoni tikkonforma ruħha magħhom.

(ara l-punti 46-48)

2. L-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 87/344, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-assigurazzjoni għall-ispejjeż legali, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-assiguratur tal-ispejjeż legali ma jistax jirriżerva d-dritt, meta numru kbir ta' persuni assicurati jkunu sofrew dannu mill-istess avveniment, li jagħżel huwa stess ir-rappreżentant legali ta' kull persuna assicurata kkonċernata.

(ara l-punt 68 u d-dispożittiv)